MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 2461/2002

**Michael u Rita konjugi Micallef**

**Vs**

**Carmelo u Carmela konjugi Abela**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu s-somma ta’ Lm525 (hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin) liema somma giet ridotta fuq talba ta’ l-istess atturi ghal Lm450.25c (erba’ mija u hamsin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) rapprezentanti spejjez inkorsi fil-proprjeta’ taghhom b’konsegwenza ta’ xoghol maghmul mill-konvenuti minghajr permess taghhom fis-sistema tad-drenagg ta’ l-atturi.

Ra r-Risposta tal-konvenuti fejn eccepew is-segwenti:

- Preliminarjament it-talba attrici hija preskritta skond il-ligi.

- Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza u partikolarment bin-nomina ta' perit nominandi.

- Illi l-allegata hsara m'ghandha xejn x'taqsam ma' dak allegat mill-atturi.

- Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra n-nota tal-konvenuti.

Illi l-konvenuti naqsu li jispecifikaw l-Artikolu tal-ligi fir-Risposta taghhom. Illi fin-nota tal-konvenuti ssir referenza ghall-Artikolu 2153 tal-Kap. 16. Illi biex ikun hemm konkluzjoni dwar il-preskrizzjoni wiehed irid l-ewwel jikkunsidra l-fatti.

Illi l-atturi jghidu li l-konvenuti "minghajr il-permess taghhom anzi klandestinament" ghamlu xoghol ta' manutenzjoni fis-sistema ta' drenagg ta' l-atturi.

L-attur Michael Micallef ighid li kien qabbad lill-konvenut biex jaghmel ix-xoghol tal-katusi u tikhil. Micallef jallega li l-konvenut qabbad xi pipes mas-sistema tad-drenagg tieghu u b'hekk ikkaguna l-hsara.

Fl-Affidavit tieghu l-attur ighid li Carmelo Abela:

"Kisser u faqa' l-katusi tieghi minghajr permess tieghi, u kagun t'hekk ghamilli hsara fit-tarag tal-granit. Jiena

ghalhekk qed nitlob kumpens tal-hsara tat-tarag u spejjez li ghamilt, u dana minhabba l-agir ta' l-istess konvenut."

Bhala fatt mhux kontestat il-konvenut kien ghamel ix-xoghol originali fil-1986. Illi l-konvenut qieghed jissottometti li jekk l-attur qieghed jippretendi li b'rizultat ta' dan ix-xoghol hu sofra xi danni l-azzjoni ta' l-attur hi preskritta billi l-kawza gietipprezentata fil-2002 u cjoe' hafna snin wara li sar ix-xoghol.

L-attur ighid li kien staqsa lill-konvenut jekk kellux xi drains imqabbdin ma' tieghu u l-konvenut dejjem irrisponda fin-negattiv. Tas-Sanita' u l-Perit ta' l-attur it-tnejn ikkonfermaw li l-konvenut ghandu drains imqabbdin mal-katusi tad-drenagg tieghu.

Il-Perit Kenneth Zammit Endrich ghamel rapport ghall-attur fejn ikkonferma li:

- Il-granit impoggi fuq it-tarag ta' l-attur qieghed jitlef il-wicc tieghu dan b'effett ta' umdita' li tiela' mill-art.

- Fil-kamra tal-banju tal-konvenut (ftit 'il hinn minfejn qieghda tidher il-hsara fil-granit) tinxtamm arja/riha hazina hafna.

Il-Perit m'osserva ebda forma ta' *inspection chamber* fil-garaxx tal-konvenut.

Fl-ahhar tar-rapport tieghu l-Perit Zammit Endrich ighid li:

"Ir-raguni principali ghall-hsara fil-granit hija umdita' eccessiva li qieghda taffettwa lil dan l-istess tarag tal-konkos u l-granit ta' fuqu. Il-fatt li l-qatran ta' taht it-tarag kien moghti ggravat din il-problema."

Il-Perit Zammit Endrich qal ukoll li jrid isir *test* sabiex wiehed jikkonferma jekk hemmx xi hsarat f'din is-sistema ta' drenagg li qieghda tikkaguna umdita' eccessiva.

Il-konvenut qal li kien l-attur li qallu sabiex jghaddilu l-pajpijiet tad-drenagg u dan kien fil-1986.

Il-Perit tal-konvenuti jghid li hemm *connection* tas-sistema tad-drenagg ta' Carmelo Abela flimkien mas-sistema ta' Michael Micallef. Il-Perit Vassallo jikkonkludi li jekk l-attur ghandu xi problema fit-tarag tieghu, din zgur mhix gejja mill-katusa ossija *connection* li hemm fil-garaxx ta' Carmelo Abela u dan ghaliex il-katusi qieghdin 'l isfel mill-qatran.

**Ikkunsidra**

Li filwaqt li l-atturi jghidu li l-hsara li hemm fit-tarag ta' l-irham hija rizultat ta' xoghol maghmul mill-konvenuti minghajr il-permess fis-sistema tad-drenagg taghhom, il-Perit imqabbad mill-atturi jghid li l-hsara aktarx hija rizultat ta' l-umdita' u hemm bzonn ta' *test* iehor. Il-Perit tal-konvenuti jghid li:

"Jekk Michael Micallef ghandu xi problema fit-tarag tieghu, din zgur mhix gejja mill-katusa ossija l-connection li hemm fil-garaxx ta' Carmelo Abela u dan ghaliex il-katusi qieghdin 'l isfel mill-qatran."

Illi fil-fatt l-attur ma gabx provi sabiex juri li l-konvenut ghamel xi xoghol wara l-installazzjoni originali tas-sistema fil-1986.

L-attur ma gabx provi li b'rizultat ta' xi xoghol li seta' ghamel il-konvenut hemm hsara fit-tarag ta' l-irham tieghu.

Illi huwa risaput li:

"F'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anki jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort ta' l-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun ta' l-attur imma sempliciment ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova li allega

bhala bazi ta’ l-azzjoni tieghu. **(Mallia noe Vs Anastasi PA 3/10/1996)**.”

Illi f’dawn ic-cirkostanzi billi l-atturi ma gabux bizzejjed provi biex jissostanzjaw l-allegazzjonijiet taghhom jichad it-talba ta’ l-atturi bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------